# L-Għoxrin Lezzjoni:  Fil-Quddiesa nissieħbu fl-Offerta ta' Ġesu'

- Ta' dak kollu li għamel magħna, lil Alla rridu ngħidulu grazzi kbira u mill-qalb.  Din il-grazzi trid tkun togħġob lil Alla u għalhekk biex tassew nogħġbuh irridu noffrulu l-aktar ħaġa li togħġbu.  Dan huwa Ġesu'.
- Il-kelma Ewkaristija ġejja mill-Grieg u tfisser Ringrazzjament.
- It-tieni parti kbira tal-quddiesa hija dik li tissejjaħ il-Liturġija ta' l-Ewkaristija.  Hawnhekk iseħħ il-qofol tal-quddiesa - il-miraklu fejn il-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-ġisem u d-demm ta' Kristu.
- Din il-parti tibda eżattament ma' l-offertorju u tibqa' sejra sat-tqarbin fejn iseħħ l-akbar miraklu għalina l-insara.  Fiha tliet partijiet ewlenin: l-offerti, il-Konsagrazzjoni u t-Tqarbin.
- Il-qofol ta' l-Ewkaristija jseħħ fit-talba Ewkaristika fejn is-saċerdot jaqbad il-ħobż f'idejh u jgħid *ħudu u kulu dan huwa ġismi*.  Imbagħad jaqbad l-inbid u jgħid *ħudu u ixorbu dan hu demmi*.  Dan huwa l-mument tal-Konsagrazzjoni.
- Xi jfisser il-ħobż?  Il-ħobż ifisser ix-xogħol, l-istudju, il-mard u l-affarijiet diffiċli kollha li niltaqgħu magħhom matul il-ħajja kollha tagħna.
- Xi jfisser l-inbid?  L-inbid nużawh fil-festi u meta nkunu ferħanin.  Għalhekk l-inbid ifisser dak kollu li hu sabiħ fil-ħajja kollha tagħna.
- Fl-antik il-ħobż kienu jġibuh in-nies stess.  Illum m'għadux isir l-istess.  Minflok illum nagħtu xi offerta żgħira ta' flus sabiex ikunu jistgħu jinxtraw l-ostji, l-inbid, ix-xemgħa u dak kollu li jkun meħtieġ għall-knisja biex twettaq il-ħidmiet tagħha.

- Dan il-kliem qalu Ġesu' fl-Aħħar Ċena fejn fil-lejl ta' qabel miet huwa waqqaf is-sagrament ta' l-Ewkaristija.  (Fl-Aħħar Ċena huwa waqqaf ukoll is-sagrament ta' l-Ordni Sagri.)
- Fil-quddiesa għalhekk, Ġesu' jistedinna biex aħna wkoll ningħaqdu miegħu waqt li hu jerġa' joffri lilu nnifsu lill-Missier.
- Ma' Ġesu' aħna rridu noffru l-qalb tagħna u b'hekk inkunu urejnih li aħna rridu nħobbuh tul il-ħajja kollha tagħna.  Irridu noffrulu dak kollu li naħsbu, li ngħidu u li nagħmlu tul ħajjitna.
- Il-quddiesa hija l-akbar talba li nistgħu nagħtu lil Alla.  Hekk irridu nuruh li aħna lesti li nqimuh għal dejjem.